MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Numru 140/2008

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Micallef)

vs

Helenio Pace

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 83482M, akkuzat talli fid-29 ta' Novembru 2007, ghall-habta tal-10:05p.m., f'Birkirkara By Pass, Imsida, 1) saq vettura numru FAD-518(1) b'manjiera traskurata, 2) perikoluza, 3) bla kont, 4) u b'giri aktar milli messu, 5) kif ukoll b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna hsara fuq arblu tad-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta 6) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew il-professjoni jew b'nuqqas ta'

tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Silvan Falzon, skond kif iccertifika Dr David Camilleri M.D. ta' M.D.H.

Il-prosekuzzjoni mitluba tiskwalifika lill-imputat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda sakemm prodotta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Bhala xhieda f'din il-kawza hemm l-affidavit ta' PS1102 akkompanjat bl-iskizz u l-okkorrenza tal-incident in meritu, u dik tal-parti leza. Ix-xhieda ta' dan ta' l-ahhar tispjega d-dinamika ta' kif sehh l-incident. Tispjega wkoll il-griehi li sofra b'konsegwenza, liema griehi jinkwadraw fil-limiti tal-Artiklu 216(2)(b) tal-Kap 9.

Illi mix-xhieda tal-parti leza hu evidenti li l-imputat irid igorr ir-responsabbilitajiet tieghu ghall-incident stante l-velocita' li biha kien qieghed isuq u ghal konsegwenti feriment tal-parti leza. Fic-cirkostanzi ssibu hati. Rat l-Artiklu 216(2)(b) u r-regolament 127 tal-'Motor Vehicle Regulations' (MVR) u ghal din id-darba tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artiklu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' sena mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabbilitajiet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------